# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 22**

**Rikors numru 433/16 SM**

**Avukat Dottor Andrew J. Zammit**
**bhala mandatarju**
**specjali tas-socjeta` estera**
***Brauerei C. & A. Veltins GmbH & Co. KG***

**v.**

**Lior Bebera**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur tal-Avukat Dr. Andrew J. Zammit nomine pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi dan huwa rikors ai termini tar-Regolamenti Numri (EC) 44/2001 u (EC) 805/2004 tal-Kunsill t5a' L-Unjoni Ewropeja, kif emendati u applikabbli f'Malta;

"2. Illi l-avukat rikorrent inghata prokura specjali datata t-30 ta' Marzu 2016 sabiex jidher f'isem u ghan-nom tal-istess

mandatrici f'dawn il-proceduri, kopja ta' liema prokura qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

"3. Illi permezz ta' Ordni datata d-9 ta' Settembru 2009, moghtija mill-'Amtsgericht Hagen' fil-Germanja fl-ismijiet 'Brauerei C.& A. Veltins GmbH & co KG. Vs Lior Bebera', l-intimat gie iddikjarat debitur tar-rikorrenti fis-somma principali ta' **tmiem t'elef disa mija u sebghin-il Euro u wiehed u erbghin Eurocentezmu (€8,970.41),** oltre l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali fuq l-ammont dovut u kif ukoll fuq l-ispejjez gudizzjarji sad-data tal-pagament effettiv, u dan skont kif jirrizulta mill-kopja awtentikata tal-Ordni bil-lingwa Germaniza hawn annessa u mmarkata **Dok. B** flimkien ma' traduzzjoni awtenitikata ta' din is-sentenza bil-lingwa Ingliza mmarkata bhala **Dok. C**;

"4. Illi l-Ordni fuq citata hija ezegwibbli fil-Germanja;

"5. Illi l-esponenti ghandu interess illi jezegwixxi l-Ordni fuq citata kontra l-intimat, illi jinstab jghix Malta.

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suspjegati, ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara ezegwibbli, u konsegwentement tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-Ordni fuq citata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jezigi l-hlas fl-ammonti kif dedotti fl-Ordni citata, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont dovut u kif ikollu fuq l-ispejjez gudizzjarji mid-9 ta' Settembru 2009 sal-gurnata tal-pagament effettiv;

"2. Bl-ispejjez ta' dina l-procedura kontra l-intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-konvenut Lior Bebera tas-17 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha pprezenta risposta, in sostituzzjoni ghal dik ipprezentata minnu precedentement, sabiex b'hekk ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

"1. Illi permezz tal-preżenti, l-esponenti qiegħed iressaq ir-risposta ulterjuri tiegħu għar-rikors fl-ismijiet premessi mressaq mir-rikorrent nomine

"3. Illi din l-Onorabbli Qorti hija tenuta tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur a tenur tal-**<u>Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Numru 44/2001</u>** tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja tat-22 ta' Diċembru, 2000 dwar

il-ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament") u dana stante illi l-intimat qatt ma ġie notifikat bil-proċeduri fil-Ġermanja relattivi għall-ordni datat 9 ta' Settembru, 2009 mogħtija mill-Amtsgericht Hagen fil-Ġermanja fl-ismijiet "Brauerei C & A Veltins GmbH & co KG. Vs Lior Bebera u effettivament sar jaf bihom biss meta r-rikors odjern ġie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u ġibidlu l-attenzjoni tiegħu għalih konoxxenti tiegħu. Illi kwindi ċ-ċirkostanzi tal-każ huma dawk illi jirrinkwadraw perfettament fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament. Illi, inoltre, in vista tat-trapass taż-żmien minn meta ngħatat is-sentenza fil-proċeduri fil-Ġermanja sa meta l-istess esponenti sar jaf b'dawn il-proċeduri, u ċioe` f'Ottubru tas-sena 2016, ma jħallux miftuħ lilu xi mod illi jista' jattakka l-Ordni datat 9 ta' Settembru, 2009 mogħtija mill-Amtsgericht Hagen fil-Ġermanja fl-ismijiet "Brauerei C & A Veltins GmbH & co KG. Vs Lior Bebera". Illi allura għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament.

"5. Illi mid-dokumenti preżentati mar-rikors promutur jirriżulta illi l-proċeduri in kwestjoni saru fil-Ġermanja fil-perjodu ta' żmien meta saru il-proċeduri u meta qiegħed jiġi allegat illi l-intimat ġie notifikat bid-dokumenti, u ċioe` fil-21 ta' Awwissu, 2009, l-istess intimat ma kienx il-Ġermanja u dank if jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u markati Dok. A u Dok B.

"6. Illi mid-dokument hawn anness u markat Dok. A, jirriżulta ċar illi l-esponenti daħal fl-Istat ta' Iżrael fit-28 ta' Lulju, 2009. Illi inoltre, kif jirriżulta mid-Dokument hawn anness u markat Dok. B, jirriżulta ċar illi l-istess esponenti ma setax ikun il-Ġermanja fid-data meta l-atti tal-proċeduri fil-Ġermanja kienu ġew allegatament notifikati lilu fil-21 ta' Awwissu, 2009 u dana stante illi huwa ġie impjegat fl-Iżrael fl-10 ta' Awwissu, 2009 u dana dejjem kif jirriżulta mid-Dokument B.

"6. Illi kwindi għandu japplika l-Artikolu 34(2) illi jorbot lil din l-Onorabbli Qorti illi tiċħad ir-rikors promutur.

"Għaldaqstant, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors odjern u dana stante l-eżistenza tal-bażi kontenuta fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 2016, li in forza taghha, wara li rrespingiet r-risposti kollha tal-intimat, laqghet it-talbiet tar-rikorrent nomine, peress li rriteniet li pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement: (1) iddikjarat

ezegwibbli l-ordni tal-"Amtsgericht Hagen" fil-Germanja fl-ismijiet **"Brauerei C. & A. Veltis GmbH & Co. K.G. vs. Lior Bebera"** datata d-9 ta' Settembru, 2009, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-istess data, sad-data tal-effettiv pagament; (2) ordnat li l-istess ordni indikata fil-paragrafu precedenti tigi debitament ezegwita f'Malta fit-terminu tar-Regolamenti fuq indikati; (3) bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat;

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Lior Bebera, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnu premessi, flimkien mar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilqa' z-zewg aggravji tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat nomine;

Rat ir-risposta tar-rikorrent appellat Dr. Andrew J. Zammit nomine, li permezz taghha talab li din il-Qorti tichad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti tal-15 ta' Dicembru, 2016, u tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti *'Amtsgericht Hagen'* fil-Germanja tad-9 ta' Settembru, 2009, hija enforzabbi u ezegwibbli hawn Malta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet id-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2017;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent nomine talab li tkun dikjarata ezegwibbli u li l-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-Ordni li nghatat favur s-socjetà minnu rapprezentata gewwa l-Germanja, datata 9 ta' Settembru, 2009. L-ewwel Qorti, wara li qieset li saret il-prova kif titlob il-ligi, laqghet it-talba u cahdet ir-risposti kollha tal-konvenut appellant.

Il-konvenut, fl-appell tieghu mis-sentenza, ressaq zewg aggravji: (i) li huwa ma kienx notifikat bid-dokumenti relattivi ghall-proceduri fil-Germanja; u (ii) li huwa qieghed jiehu l-pariri legali fil-Germanja sabiex jara jekk jistax jattakka l-Ordni. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iz-zewg aggravji huma sewwa sew marbutin ma' xulxin u ghalhekk ser jigu ezaminati u ndirizzati f'daqqa.

Taht l-ewwel aggravju, l-appellant jishaq li ma kienx fil-Germanja meta d-dokumenti relattivi ghat-talba li wasslet ghall-ordni tad-9 ta' Settembru, 2009, allegatament gew notifikati lilu, izda li kien l-Izrael. In sostenn ta' dan l-aggravju, huwa jipprezenta kopja tal-visa mahruga mill-Istat ta' Izrael ittimbrata fit-28 ta' Lulju, 2009, kif ukoll pagna mill-passaport tieghu, li minnha jirrizulta li dahal fl-Istat ta' Izrael fl-istess

gurnata. Jipprezenta wkoll dokument rilaxxat mil-lukanda li maghha kien impjegat l-appellant, bejn l-10 ta' Awwissu 2009 u l-31 ta' Jannar, 2012.

L-appellant jghid ukoll li huwa ma kienx jaf li kien hemm proceduri fil-konfront tieghu fil-Germanja li wasslu ghal sentenza kontra tieghu. Jghid li sar jaf b'dawk il-proceduri u bis-sentenza tas-sena 2009 b'kumbinazzjoni meta xi hadd lemah avviz li fih kien hemm ismu u dan waqt il-proceduri ta' pubblikazzjoni hawn Malta. Huwa jiccita l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 li jipprovdi:

> *"A judgement shall not be recognised:*
>
> *2. where it was given in default of appearance, if the defendant was not served with the document which instituted the proceedings or with an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge the judgment when it was possible for him to do so;"*

Kwindi l-appellant jargumenta li ladarba mill-fatti jirrizulta li (a) kien jinsab l-Izrael meta d-dokumenti relattivi ghall-proceduri fil-Germanja gew notifikati lilu, isegwi li la kien jaf bil-proceduri u lanqas seta' jirranga ghad-difiza tieghu; (b) inoltrè, il-fatt li kien l-Izrael jaghmilha cara li ma seta' jiehu ebda passi sabiex jiddefendi lilu nnifsu, jew li jidher quddiem il-qrati Germanizi sabiex isawwar id-difiza tieghu; u (c) l-fatt li l-istess appellant ma kienx jaf bil-proceduri u kwindi bis-sentenza jwassal ghall-konkluzjoni inevitabbli li huwa ma setax jappella jew jattakka d-decizjoni

fil-Germanja, peress li proprju ma kienx jaf biha. Ghalhekk l-appellant jishaq li jikkonkorru l-elementi kollha mahsubin fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 sabiex din il-Qorti tichad it-talba ta' ezegwibilità tal-Ordni tad-9 ta' Settembru, 2009, kif ukoll tichad it-talba ghall-awtorizzazzjoni tal-ezekuzzjoni tal-ordni kif mitluba mill-appellat.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jishaq li sar jaf bl-Ordni tal-Qorti Germaniza hekk kif ingibditlu l-attenzjoni ghall-pubblikazzjoni tal-avviz f'Malta li kien jikkoncerna lilu u konsegwentement fittex parir legali kemm f'Malta, kif ukoll fil-Germanja, dwar kif jista' jattakka l-istess Ordni, tenut kont tat-trapass taz-zmien. Konsegwentement, jishaq li jekk hemm lok li l-istess Ordni tigi attakkata fil-Germanja, huwa lest li jaghmel dan. Ghalhekk isostni li din il-Qorti ghandha tqis dan il-fatt ukoll u ma tghaddix sabiex tilqa' t-talbiet tal-appellat fir-rikors promotur, izda ghandha tichadhom.

Fir-rigward ta' dawn iz-zewg aggravji, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti, bis-sahha tar-Regolament citat mill-appellant stess, hija prekluza milli tezamina mill-gdid il-kaz ghal dak li hija s-sustanza tieghu. Qorti Maltija mitluba tezegwixxi sentenza ta' pajjiz Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja trid issegwi r-regoli li johorgu mill-istrument legali kif inhu r-Regolament tal-Kunsill (KE)44/2001. Dan l-istrument legali, sewwasew minhabba li huwa Regolament, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet

ta' Malta b'effett dirett u huwa enforzabbli f'Malta bhala Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja. Dan il-principju kien ikkostatat minn din il-Qorti fis-sentenzi taghha fl-ismijiet **Opatecka v. Ciantar** deciza fis-27 ta' Jannar, 2006 u **GIE Pari Mutuel Urbain (PMU) v. Bell Med Ltd et.** deciza fit-28 ta' Settembru, 2007, u dawk aktar recenti fl-ismijiet **Dr. Josette Sultana noe v. Maray and Grant Limited et,** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2015, u **Dr. Adrian Mallia et noe v. Fiducia Trustees Limted noe et**. deciza fid-9 ta' Frar 2017; f'din l-ahhar sentenza jinghad:

> "*Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-mertu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza ta' Qorti ta' Stat Membru iehor (ara sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet* ***Prism Investment BV v. Jaap Anne van der Meer*** *C-139/10 deciza 13 t'Ottubru 2011) sakemm mhux ghal xi wahda mir-ragunijiet cirkoskritti taht l-Artikli 34 u 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44 tas-sena 2001. Il-bazi sabiex tigi rifjutata t-talba ta' rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenza fuq id-difiza ta' nuqqas ta' notifika kif stipulat fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 huwa suggett ghal tliet kondizzjonijiet kumulativi:*
>
> *"(i) Li s-sentenza nghatat meta l-intimat naqas li jidher;*
>
> *"(ii) Li l-intimat ma kienx notifikat bl-atti li bihom inbdew il-proceduri kontrih fi zmien utli b'tali mod li seta' jipprepara d-difiza tieghu;*
>
> *"u*
>
> *"(iii) Li l-intimat ma jkunx naqas milli jibda proceduri sabiex jikkontesta dik is-sentenza li nghatat fl-Istat Membru kkoncernat meta dan kien possibli.*
>
> *"Jekk tonqos wahda minn dawn l-elementi, il-Qorti tal-Istat Membru li fih ikun qieghed jintalab ir-rikonoxximent u ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza m'ghandhiex triq ohra ghajr li taghti dak ir-rikonoxximent mitlub.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm l-appellant jibbaza l-argument tieghu proprju fuq dan ir-regolament, u jressaq xi

dokumenti sabiex jishaq li ma kienx il-Germanja fil-mument tan-notifika, izda li kien l-Izrael, f'ghajnejn din il-Qorti tali provi mressqa minnu mhumiex konklussivi. Jibda billi jinghad illi huwa minnu li jirrizulta li l-konvenut appellant dahal l-Izrael fit-28 ta' Lulju, 2009, beda jahdem fil-lukanda Intercontinental fil-10 ta' Awwissu 2009, u baqa' jahdem hemm sal-31 ta' Jannar, 2012. Izda dan ma jfissirx li huwa ma setax mar lura fil-Germanja ghal xi perjodi qosra bhal fil-21 ta' Awwissu, 2009, data li mid-dokumenti esebiti mill-appellat jirrizulta li saret in-notifika tad-dokumenti li permezz taghhom inbdew il-proceduri fil-konfront tal-appellant.

Inoltrè jekk, ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu jaccetta li l-provi dokumentali mressqa mill-appellant jippruvaw li s-sentenza nghatat meta l-appellant naqas li jidher, u li huwa ma kienx notifikat bl-atti li permezz taghhom inbdew il-proceduri kontrih fi zmien utli sabiex jipprepara d-difiza tieghu, l-appellant xorta ma jissodisfax it-tielet kriterju provdut taht ir-regolament in ezami. Dan jinghad peress li huwa ma gabx prova li beda xi proceduri fil-Germanja sabiex jikkontesta dik l-ordni li nghatat fil-konfront tieghu. F'dak il-kaz biss, il-Qorti ta' Malta tista' tieqaf milli tkompli tisma' l-proceduri mressqa quddiemha sakemm ikunu konkluzi dawk il-proceduri (Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001).

F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea addottat interpretazzjoni li tispjega l-posizzjoni legali li tohrog mir-Regolament in kwistjoni. Fil-proceduri fil-kors tal-kawza **Apostolides v. Orams** (C-420/07) deciza fit-28 ta’ April, 2009, il-Qorti rriteniet:

> “*Article 34(2) of Regulation No. 44/2001, unlike Article 27 (2) of the Convention, does not necessarily require the document which instituted the proceedings to be duly served, but does require that the rights of the defence are effectively respected...Under Articles 34 (2) and 45 (1) of Regulation No 44/2001, the recognition or enforcement of a default judgement must be refused, if there is an appeal, if the defendant was not served with the document to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge that judgement before the courts of the Member State of origin when it was possible for him to do so.*
>
> ***It is clear from the wording of those provisions that a default judgement given on the basis of a document instituting proceedings which was not served on the defendant in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence must be recognised if he did not take the initiative to appeal against that judgement when it was possible for him to do so.***”. (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Ghalhekk isegwi li ladarba mill-atti ma jirrizultax li l-appellant ha xi passi effettivi sabiex jikkontrasta d-decizjoni tal-Qorti Germaniza, ma jistax jiccita l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE)44/2001, in sostenn tal-aggravju tieghu.

Dan jorbot sew ma’ dak espost mill-appellant permezz tat-tieni aggravju tieghu, fejn jghid li qieghed jiehu parir legali fil-Germanja sabiex jara jistax jattakka l-Ordni in kwistjoni. L-appellant jikkontendi li sar jaf bil-proceduri fil-Germanja u l-ordni li nghatat fil-konfront tieghu meta gie ppubblikat l-avviz lokalment u ingibditlu l-attenzjoni ghall-istess avviz.

Din il-Qorti tinnota, pero`, li dan l-avviz gie ppubblikat f'gazzetta lokali fis-16 ta' Settembru, 2016, u ghalhekk l-appellant ilu zgur jaf bl-imsemmija proceduri u ordni tal-Qorti Germaniza ghal aktar minn sena. Tul din is-sena, l-konvenut appellant fittex biss parir legali u ma ha ebda azzjoni konkreta, sabiex jittanta jressaq xi proceduri sabiex jikkontesta l-ordni tal-Qorti Germaniza, kif inghad qabel.

Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tqis li tabilhaqq l-ewwel Qorti kienet korretta, fl-apprezzament tal-provi quddiemha, meta laqghet it-talbiet tar-rikorrent appellat, peress li l-konvenut appellant ma rnexxielux iressaq ragunijiet validi sabiex jopponi l-istess talbiet, kif jitlob l-istess regolament in ezami.

Isegwi li dawn iz-zewg aggravji tal-konvenut appellant ma jimmeritawx li jintlaqghu u ser jigu michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut appellant billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata u tiddikjara ezegwibbli l-ordni tal-"Amtsgericht Hagen" fil-Germanja fl-ismijiet **Brauerei C. & A. Veltis GmbH & Co. K.G. vs. Lior Bebera** datata d-9 ta' Settembru, 2009, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont dovut mill-istess data sal-

gurnata tal-pagament effettiv; u tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-istess ordni kontra l-konvenut appellant Lior Bebera.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df